# FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Novembru, 2018**

Avviz tat-Talba numru: **482/2018**

**VODAFONE MALTA LIMITED**
[REG. NRU. C-10865]

***VERSUS***

**ABUL GASAM MOHAMMED M.**
[K.I. NRU. 399494M]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-11 ta' Ottubru, 2018 fejn is-socjetà attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' disa' mija, wiehed u sebghin ewro u seba' u tmenin ewro centezmi (€971.87c) rapprezentanti servizzi rezi u prodotti provduti in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellulari bil-kont numru 1.11013969 fuq talba tal-konvenut u a beneficcju tieghu stess, kif ahjar deskritt fl-imsemmi Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri u ta' l-imghax fuq s-sorte dekorribbli mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-hlas effettiv u finali.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mill-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant ghan-nom tieghu u/jew xi difensur ghalih ghas-smigh ta' dan il-procediment.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

Ra l-atti processwali kollha inkluzi d-dikjarazzjonijiet bil-gurament;

Jikkunsidra;

Fil-kaz prezenti, fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018 is-socjetà attrici prezentat nota (ara *a fol*. 9) u *seduta stante* rrilevat ulterjorment illi l-konvenut kien, fil-mori tal-proceduri, wettaq hlas tas-sorte fl-ammont ta' disa' mija, wiehed u sebghin ewro u seba' u tmenin ewro

centezmi (€971.87c) mitlub f'dawn il-prezenti proceduri. Madanakollu, fl-imsemmija nota l-attrici zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez fil-konfront tal-konvenut u fl-udjenza indikata talbet li tinghata decizjoni fuq tali kap, peress li dan ma kienx gie mhallas u saldat mill-konvenut.

Mill-atti processwali jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti fl-20 ta' Ottubru, 2018 (ara fuq wara ta' *fol*. 8). Nonostanti tali notifika, l-istess konvenut ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu jew difensur ghan-nom tieghu biex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici. Tali konvenut, ghalhekk, gie dikjarat fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018.

Fil-fehma tat-Tribunal, bil-hlas tas-sorte da parti tal-konvenut lejn l-attrici fl-ammont €971.87c huwa gie li mplicitament accetta li huwa kien debitur ta' l-attrici. Tali hlas tas-sorte ghandu jigi parifikat ma', u ekwivalenti ghal, ammissjoni tad-debitu dovut. Kif kodifikat fl-Art. 1147(1) tal-Kodici Civili, "*Kull ħlas jissoponi dejn*" u, allura, tali pagament imwettaq mill-konvenut huwa, intinsikament, manifestazzjoni ta' l-ammissjoni tad-dejn li hu kellu ma' l-attrici kreditrici. Inoltre, tali hlas jigbed ukoll l-obbligu fuq il-konvenut li jindennizza lill-attrici dawk l-ispejjez gudizzjarji li inkorriet fihom sabiex tithallas l-ammont ta' sorte. Ghalhekk, il-konvenut ghandu wkoll jindennizza u jhallas lill-attrici l-ispejjez gudizzjarji marbuta mal-prezenti proceduri.

Dwar l-imghaxijiet hemm biss it-talba originali ta' l-attrici (li talbet ghad-dekorriment taghhom mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-hlas effettiv u finali) izda m'hemm xejn ghar-rigward fin-nota prezentata fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2018. F'tali nota u f'tali udjenza inzamm biss ferm il-kap ta' l-ispejjez, izda ma nghad xejn dwar l-imghax. It-Tribunal ma giex mgharraf dwar id-data ta' meta twettaq il-hlas tas-sorte ta' €971.87c mill-konvenut lill-attrici. Ghalhekk, it-Tribunal, fic-cirkostanzi, ser jiddeciedi li l-imghax fuq tali sorte ghandu jiddekorri mill-1 ta' Settembru, 2016 (li hi d-data ta' l-ewwel fattura – *a fol*. 2) sal-20 ta' Ottubru, 2018 (data tan-notifika ta' l-atti lill-konvenut – *tergo* ta' *fol*. 8) bir-rata ta' 8% fis-sena.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jastejeni milli jippronunzja ruhu dwar is-sorte fl-ammont ta' disa' mija, wiehed u sebghin ewro u seba' u tmenin ewro centezmi (€971.87c), peress li l-istess diga' gie mhallas lill-attrici minghand il-konvenut fil-mori tal-proceduri, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ispejjez gudizzjarji kollha ta' dawn il-proceduri, bl-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena fuq s-somma ta' €971.87c dekorribbli mill-1 ta' Settembru, 2016 sal-20 ta' Ottubru, 2018 kif imfisser f'din id-decizjoni.

***ft*. Avv. Dr. Kevin Camilleri Xuereb**
*Gudikatur*

***ft*. Adrian Pace**
*Deputat Registratur*